MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2003

Numru 529/2003

Il-Pulizija
(Sp Alexandra Mamo)
vs
Milison Micallef, bint Alexander,
imwielda Pieta' fit-2 ta' frar, 1984

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata talli f'dawn il-Gżejjer, fuq il-Monti ta' Birkirkara, fit-23 ta' mejju, 2003, fil-ħinijiet ta' fil-għodu waqt spezzjoni fuq l-istall tagħha –
a. xjentement għamlet użu ta' marki, sinjali, tabelli jew emblemi, u cioe' tal-marka 'ADIDAS' li jkun fihom indikazjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija jew biegħet merkanzija b'din il-marka, sinjal jew emblema, jew waħħlet deskrizzjoni kummerċjali falza, jew qegħdet fiċ-ċirkolazzjoni, biegħet jew zammet għandha għal bejgħ jew importat għal ħsieb ta' kummerċ, erbgħa u għoxrin (24) 'Adidas' sets, konsistenti fi shorts u

T-shirt bil-marka ‘Adidas’, sinjal jew emblema imxebbħin b’qerq;
b. xjentement qegħdet fiċ-ċirkolazzjoni, biegħet jew zammet għandha għal bejgħ jew impurtat għal ħsieb ta’ kummerċ, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema mxebbħin b’qerq u cioe’ qegħdet fiċ-ċirkolazzjoni fuq l-istall tagħha ġewwa l-Monti ta’ Birkirkara erbgħa u għoxrin (24) ‘Adidas’ sets, konsistenti fi shorts u T-shirt.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-liġi, f’każ ta’ ħtija, tordna l-konfiska u id-distruzzjoni ta’ l-oġġetti kollha eżebiti.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tas-16 ta’ ottubru, 2003 fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ ottubru, 2003 fejn l-imputata ammettiet l-akkużi miġjuba kontra tagħha.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputata u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħha. Rat l-artikoli 298(1)(ċ)(f) tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali netta, il-kollaborazzjoni mal-pulizija u l-fatt li l-ammettiet fl-ewwel seduta ta’ din il-kawża. Ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tilliberaha taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum. Inoltre, tordna l-konfiska u id-distruzzjoni tal-oġġetti eżebiti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------